KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA

Brussell, 24 ta' Ġunju 2014
(OR. en)

11205/14

POLGEN 103
POLMAR 18
PESC 669
CSDP/PSDC 389
AGRI 458
TRANS 336
JAI 553
ENV 641
PECHE 326
POLMIL 60

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Strateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuża l-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea kif adottata mill-Kunsill (Affarijiet Ġenerali) fl-24 ta' Ġunju 2014.

STRATEĠIJA DWAR IS-SIGURTÀ MARITTIMA TAL-UNJONI EWROPEA

I. KUNTEST

Il-baħar huwa importanti.

Il-baħar huwa sors prezzjuż ta' tkabbir u prosperità għall-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha. L-UE tiddependi minn ibħra u oċeani miftuħa, imħarsa u sikuri għall-iżvilupp ekonomiku, il-kummerċ ħieles, it-trasport, is-sigurtà tal-enerġija, it-turiżmu u status tajjeb tal-ambjent marittimu.

Il-parti l-kbira tal-kummerċ tal-UE, kemm estern kif ukoll dak intern, huwa ttrasportat bil-baħar. L-UE hija t-tielet l-akbar importatur u l-ħames produttur dinji f'dak li għandu x'jaqsam ma' sajd u akkwakultura. Aktar minn 70% tal-fruntieri esterni tal-Unjoni huma marittimi u mijiet ta' miljuni ta' passiġġieri kull sena jgħaddu mill-portijiet tagħha. Is-sigurtà tal-enerġija tal-Ewropa tiddependi l-aktar fuq it-trasport u l-infrastrutturi marittimi. Iż-żieda importanti tal-flotot tal-Istati Membri tal-UE u l-infrastrutturi adegwati tal-portijiet (eż. il-faċilitajiet tal-LNG) tikkontribwixxi għal suq tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista li jiffunzjonaw tajjeb u għalhekk għall-benessri taċ-ċittadini Ewropej u tal-ekonomija Ewropea kollha kemm hi.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom, għalhekk, interessi strateġiċi, fid-dominju marittimu globali kollu, li jidentifikaw u jindirizzaw l-isfidi għas-sigurtà marbuta mal-baħar u l-ġestjoni tal-fruntieri marittimi. Iċ-ċittadini Ewropej jistennew reazzjonijiet effikaċi u kosteffiċjenti għall-protezzjoni tad-dominju marittimu, inkluż il-fruntieri, il-portijiet u l-installazzjonijiet fuq il-baħar, sabiex ikun assigurat il-kummerċ bil-baħar, jiġi indirizzat it-theddidiet potenzjali minn attivitajiet illegali u illeċiti fuq il-baħar, kif ukoll għall-aħjar użu tal-potenzjal tal-baħar għat-tkabbir u l-impjiegi, filwaqt li jitħares l-ambjent tal-baħar.

L-Istrateġija għas-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea (EUMSS) tkopri kemm l-aspetti interni kif ukoll dawk esterni tas-sigurtà marittima tal-Unjoni. Din isservi bħala qafas komprensiv, li jikkontribwixxi għal dominju marittimu globali stabbli u sigur, f'konformità mal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà (EES), filwaqt li jiżgura koerenza ma' politiki tal-UE, b'mod partikolari mal-Politika Marittima Integrata (PMI), u l-Istrateġija ta' Sigurtà Interna (ISS).

L-Istrateġija ġiet adottata permezz ta’ proċess komprensiv u kkoordinat li l-kisbiet ewlenin tiegħu huma l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta’ April 2010, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tas-Sorveljanza Marittima tat-23 ta’ Mejju 2011, id-Dikjarazzjoni ta’ Limassol tas-7 ta’ Ottubru 2012, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta’ Diċembru 2013 u l-Komunikazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tas-6 ta’ Marzu 2014.

II. GĦAN U AMBITU

Hija meħtieġa l-għaqda kondiviża minn dawk kollha involuti fir-rigward tal-għan u l-isforz, sabiex ikun hemm koerenza bejn il-politiki speċifiċi għas-settur, il-politiki tal-UE u l-politiki nazzjonali u sabiex l-awtoritajiet rilevanti kollha jkunu jistgħu jaħdmu flimkien b’mod effettiv. Bit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn setturi differenti, korpi tal-Unjoni u awtoritajiet nazzjonali, l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jiksbu iktar, jaġixxu b'mod aktar rapidu u jiffrankaw ir-riżorsi, u b’hekk tissaħħaħ ir-reazzjoni tal-UE għal riskji u theddidiet fid-dominju marittimu.

Abbażi tal-prinċipji fundaturi tal-UE tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà u d-demokrazija, l-għan ta’ din l-Istrateġija huwa li jiġu żgurati l-interessi tas-sigurtà marittima tal-UE u tal-Istati Membri tagħha kontra għadd kbir ta’ riskji u theddidiet fid-dominju marittimu globali. Dan jinkiseb b'mod transsettorjali, komprensiv, koerenti u kosteffiċjenti, f'konformità mat-trattati eżistenti, il-leġislazzjoni nazzjonali u tal-UE u d-dritt internazzjonali, b’mod partikolari l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) u konvenzjonijiet u strumenti rilevanti oħra.

Is-sigurtà marittima hija mifhuma bħala stat attwali tad-dominju marittimu globali, fejn id-dritt internazzjonali u l-liġi nazzjonali huma infurzati, il-libertà tan-navigazzjoni hija garantita u ċ-ċittadini, l-infrastruttura, it-trasport, l-ambjent u r-riżorsi tal-baħar huma protetti.

Din l-Istrateġija tipprovdi l-qafas politiku u strateġiku sabiex jiġu indirizzati b'mod effettiv u komprensiv l-isfidi għas-sigurtà marittima permezz tal-użu tal-istrumenti rilevanti kollha fil-livell internazzjonali, tal-UE u dak nazzjonali. Din tiffaċilita kooperazzjoni transsettorjali mtejba, fi ħdan, bejn u fost l-awtoritajiet u l-atturi ċivili u militari. Hija tikkontribwixxi għall-użu sħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir fid-dominju marittimu, f’konformità mal-leġislazzjoni eżistenti, il-prinċipju tas-sussidjarjetà u skont ir-relazzjoni bejn min jirċievi u min jagħti appoġġ. Hija għandha l-għan ukoll li tkabbar l-appoġġ reċiproku ta' bejn l-Istati Membri u li tippermetti l-ippjanar konġunt ta’ kontinġenza u sigurtà, il-ġestjoni tar-riskju, il-prevenzjoni tal-kunflitti kif ukoll ir-rispons għall-kriżijiet u l-ġestjoni tagħhom.

L-istrateġija tkopri d-dominju marittimu globali. In-netwerk ta' passaġġi tat-tbaħħir bejn il-kontinenti huwa ta' importanza partikolari, kif ukoll xi żoni marittimi minħabba l-valur strateġiku tagħhom jew minħabba riskju potenzjali għal kriżi jew instabbiltà. Għaldaqstant, l-UE għandha tfittex li ssaħħaħ u tappoġġa r-reazzjonijiet reġjonali tagħha għas-sigurtà marittima. Il-prinċipji stabbiliti u l-objettivi identifikati f'din l-Istrateġija għandhom ikunu integrati fl-implimentazzjoni ta' strateġiji reġjonali tal-UE kemm eżistenti kif ukoll futuri, bħal dawk għall-Qarn tal-Afrika u l-Golf tal-Ginea.

Din l-Istrateġija tieħu kont partikolari tal-baċiri fiż-żoni u s-sottożoni tal-ibħra Ewropej, jiġifieri l-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed, il-Mediterran u l-Baħar tat-Tramuntana, kif ukoll l-ilmijiet tal-Artiku, l-Oċean Atlantiku u r-reġjuni ultraperiferiċi.

III. PRINĊIPJI U OBJETTIVI

L-Istrateġija hija bbażata fuq il-prinċipji gwida li ġejjin:

a) ***Approċċ transsettorjali:*** jeħtieġ li s-sħab kollha, mill-awtoritajiet u l-atturi ċivili u militari (l-infurzar tal-liġi, il-kontroll fuq il-fruntieri, l-ispezzjonijiet tad-dwana u tas-sajd, l-awtoritajiet ambjentali, l-amministrazzjoni marittima, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-forzi navali jew forzi marittimi oħra, l-għassiesa tal-kosta, l-aġenziji ta' intelligence), kif ukoll aġenziji tal-UE, sa dawk mill-industrija (it-tbaħħir, is-sigurtà, il-komunikazzjoni, l-appoġġ għall-kapaċità) jikkooperaw aħjar, filwaqt li jirrispettaw l-organizzazzjoni interna ta' xulxin;

b) ***Integrità funzjonali:*** l-Istrateġija ma taffettwax il-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha fl-oqsma koperti. Hija wkoll mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi, id-drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri fuq iż-żoni marittimi f'konformità mad-dritt internazzjonali rilevanti, inkluża l-UNCLOS. Jeħtieġ li jittieħed kont sħiħ tal-mandati, ir-responsabbiltajiet u l-interessi tal-Istati Membri, li jibnu fuq politiki u strumenti eżistenti u jagħmlu l-aħjar użu mill-kapaċitajiet eżistenti fil-livell nazzjonali u Ewropew, filwaqt li jevitaw li joħolqu strutturi ġodda, leġislazzjoni ġdida, piż amministrattiv addizzjonali, kif ukoll ir-rekwiżit għal finanzjament addizzjonali;

c) ***Rispett għar-regoli u l-prinċipji:*** ir-rispett għad-dritt internazzjonali, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u konformità sħiħa mal-UNCLOS, it-trattati bilaterali applikabbli u l-valuri mnaqqxa fiha huma l-pedamenti ta' din l-Istrateġija u prinċipji ewlenin għal governanza tajba fuq il-baħar ibbażata fuq ir-regoli. L-UE u l-Istati Membri tagħha jappoġġaw is-soluzzjoni ta' tilwimiet marittimi li jirriżultaw mill-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-UNCLOS mill-qrati u t-tribunali internazzjonali kompetenti previsti fihom, li għandhom rwol importanti fl-implimentazzjoni l-istat tad-dritt fuq il-baħar;

d) ***Multilateraliżmu marittimu:*** filwaqt li jirrispettaw il-qafas istituzzjonali u l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE, il-kooperazzjoni mas-sħab u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti kollha, b'mod partikolari n-Nazzjonijiet Uniti u n-NATO, u l-koordinazzjoni ma' fora internazzjonali u reġjonali eżistenti fid-dominju marittimu huma essenzjali.

Bil-ħsieb li jiġi żgurat approċċ komprensiv, transsettorjali, transkonfinali, koerenti u kosteffiċjenti għas-sigurtà marittima, din l-Istrateġija għandha l-għan li:

a) Tiġbor flimkien kemm l-aspetti interni kif ukoll dawk esterni tas-sigurtà marittima tal-Unjoni u tippromwovi approċċ ġenerali biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sigurtà marittima u l-interessi marittimi;

b) Tippromwovi governanza tajba bbażata fuq ir-regoli fuq il-baħar, fl-ilmijiet taħt is-sovranità, id-drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri u fl-ibħra miftuħa;

c) Tistabbilixxi koordinazzjoni aħjar u dejjiema ta' proġetti u attivitajiet tal-atturi kollha rilevanti fuq livell Ewropew, reġjonali u nazzjonali u tagħmel l-aħjar użu mill-istrateġiji makroreġjonali rilevanti tal-UE, meta applikabbli;

d) Tippromwovi kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fil-qasam internazzjonali u l-kompetittività tal-Istati Membri tal-UE;

e) Issaħħaħ il-potenzjal għat-tkabbir u għall-impjiegi tal-ibħra kif stabbilit fl-istrateġija tal-UE għat-tkabbir - Ewropa 2020;

f) Tikkontribwixxi għas-sigurtà fuq il-baħar u tgħin biex tiżgura l-fruntieri marittimi esterni tal-Unjoni;

g) Tippromwovi s-sigurtà reġjonali f’kull baċir marittimu fil-fruntieri esterni tal-UE, b’mod konsistenti mal-partikolaritajiet ta’ kull reġjun;

h) Tippromwovi l-koordinazzjoni u l-iżvilupp ta' aktar sinerġiji ma' u fost l-Istati Membri, inkluż fil-livell reġjonali, u l-kooperazzjoni ma' sħab u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali;

i) Issaħħaħ is-solidarjetà fost l-Istati Membri u trawwem l-appoġġ reċiproku fit-trattament tal-isfidi għas-sigurtà marittima;

j) Tippromwovi aktar sensibilizzazzjoni komuni dwar is-sitwazzjoni u l-kondiviżjoni aħjar tal-informazzjoni, il-kunċetti operattivi, *modi operandi* u l-esperjenza, filwaqt li jittieħed kont mhux biss tal-ħtieġa ta' għarfien iżda wkoll tal-ħtieġa ta' kondiviżjoni, biex b’hekk jiġu antiċipati t-theddidiet, skont approċċ komprensiv;

k) Issaħħaħ ir-rwol tal-UE bħala attur globali u fornitur tas-sigurtà, filwaqt li tassumi r-responsabbiltajiet tagħha fil-prevenzjoni tal-kunflitti u r-reazzjoni u ġestjoni tal-kriżijiet fl-oqsma ta’ interess, fuq il-baħar u mill-baħar, u tikseb l-istabbiltà u l-paċi permezz ta’ azzjoni tal-UE komprensiva u fit-tul.

IV. INTERESSI TAS-SIGURTÀ MARITTIMA

L-interessi strateġiċi tal-UE u l-Istati Membri tagħha għas-sigurtà marittima huma:

a) Is-sigurtà tal-UE, l-Istati Membri tagħha u ċ-ċittadini tagħha;

b) Il-preservazzjoni tal-paċi f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, is-soluzzjoni paċifika ta' tilwim marittimu f'konformità mad-dritt internazzjonali, il-prevenzjoni ta' kunflitti u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali, inkluż permezz ta’ impenn tal-UE ma’ sħab internazzjonali, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi nazzjonali. Dan jippromwovi l-kooperazzjoni marittima internazzjonali u l-istat tad-dritt u jaġevola l-kummerċ marittimu u t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli;

c) Il-protezzjoni kontra r-riskji u t-theddidiet għas-sigurtà marittima, inkluża l-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika, bħal żoni speċifiċi fil-portijiet u l-faċilitajiet tal-portijiet, l-installazzjonijiet fuq il-baħar, il-ħażna tal-enerġija mal-baħar, il-pipelines ta' taħt il-baħar, il-kejbils f'qiegħ il-baħar, kif ukoll il-promozzjoni tar-riċerka xjentifika u ta' proġetti innovattivi;

d) Il-preservazzjoni tal-libertà tan-navigazzjoni, il-protezzjoni tal-katina tal-provvista globali tal-UE u tal-kummerċ marittimu, id-dritt ta' passaġġ innoċenti u ta' transitu tal-bastimenti u s-sigurtà tal-ekwipaġġ u l-passiġġieri tagħhom;

e) Il-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi, inkluża s-salvagwardja tar-riżorsi tal-enerġija marittima, l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi naturali u tal-baħar fiż-żoni marittimi differenti u l-ibħra miftuħa, il-kontroll tas-sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat (IUU), is-sigurtà tal-flotot tas-sajd tal-Istati Membri u d-delimitazzjoni taż-żoni marittimi, bħalma hi ż-żona ekonomika esklużiva, li tippreżenta potenzjal għat-tkabbir u l-impjiegi;

f) Il-promozzjoni u l-iżvilupp ta' sensibilizzazzjoni marittima komuni u vvalidata dwar is-sitwazzjoni;

g) Il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri marittimi esterni tal-Unjoni u l-oqsma marittimi ta' interess għall-UE sabiex tipprevjeni u tiġġieled kontra l-attivitajiet illegali transkonfinali;

h) Il-ħarsien tal-ambjent u l-ġestjoni tal-impatt tal-bidla fil-klima fiż-żoni marittimi u r-reġjuni kostali, kif ukoll il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità biex jiġu evitati riskji għas-sigurtà futuri.

V. RISKJI U THEDDIDIET GĦAS-SIGURTÀ MARITTIMA

It-theddidiet għas-sigurtà marittima għandhom bosta aspetti, huma riskju potenzjali għaċ-ċittadini Ewropej u jistgħu jkunu ta' ħsara għall-interessi strateġiċi tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Ġew identifikati r-riskji u t-theddidiet li ġejjin:

a) Theddidiet jew użu tal-forza kontra d-drittijiet u l-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri fuq żoni marittimi;

b) Theddidiet għas-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej u għall-interessi ekonomiċi fuq il-baħar wara atti ta' aggressjoni esterna inklużi dawk relatati ma' tilwim marittimu, theddidiet għad-drittijiet sovrani tal-Istati Membri jew kunflitti armat;

c) Il-kriminalità transkonfinali u dik organizzata, inkluż il-piraterija marittima u s-serq armat fuq il-baħar, it-traffikar tal-bnedmin u l-kuntrabandu ta' migranti, netwerks kriminali organizzati li jiffaċilitaw il-migrazzjoni illegali, it-traffikar tal-armi u tad-drogi, il-kuntrabandu ta' merkanzija u oġġetti ta' kuntrabandu;

d) It-terroriżmu u atti intenzjonati oħra illegali fuq il-baħar u fil-portijiet kontra vapuri, merkanzija, ekwipaġġi u passiġġieri, portijiet u faċilitajiet tal-portijiet kif ukoll infrastruttura marittima kritika u infrastruttura tal-enerġija, inklużi ċiberattakki;

e) Il-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva, inkluż it-theddidiet kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari (CBRN);

f) It-theddidiet għal-libertà ta' navigazzjoni, bħaċ-ċaħda ta' aċċess għall-baħar u l-istretti u l-imblokkar ta' rotot tal-baħar;

g) Ir-riskji ambjentali, inkluż l-isfruttament mhux sostenibbli u mhux awtorizzat tar-riżorsi naturali u tal-baħar, it-theddidiet għall-bijodiversità, is-sajd IUU, id-degradazzjoni ambjentali minħabba skariku illegali jew aċċidentali, it-tniġġis kimiku, bijoloġiku u nukleari, b'mod partikolari munizzjon kimiku u splussiv attiv mormija l-baħar;

h) L-impatt potenzjali fuq is-sigurtà ta' diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, avvenimenti estremi u t-tibdil fil-klima fuq is-sistema tat-trasport marittimu u b'mod partikolari fuq infrastruttura marittima;

i) Ir-riċerka arkeoloġika illegali u mhux regolata u s-sakkeġġ ta' oġġetti arkeoloġiċi.

VI. IT-TISĦIĦ TAR-REAZZJONITAL-UE

Abbażi tal-objettivi u l-prinċipji msemmija hawn fuq u b'kont meħud tal-kisbiet eżistenti, ġew identifikati l-ħames oqsma segwenti ewlenin ta' implimentazzjoni biex jissaħħaħ ir-reazzjoni tal-UE.

1. Azzjoni esterna

L-Unjoni tikkontribwixxi b'mod attiv għat-tisħiħ tas-sigurtà tad-dominju marittimu permezz tal-prevenzjoni u r-reazzjoni għal riskji u t-theddidiet marittimi u bl-istabbilizzazzjoni permezz tal-kapaċità unika tagħha li tgħaqqad, b'mod koerenti u konsistenti, firxa wiesgħa ta' politiki u għodod, inkluża l-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK). L-Unjoni tenfasizza l-importanza li hi tassumi aktar responsabbiltajiet bħala fornitur globali tas-sigurtà, fil-livell internazzjonali u b'mod partikolari fil-viċinat tagħha, u b'hekk issaħħaħ ukoll is-sigurtà tagħha stess u r-rwol tagħha bħala attur globali strateġiku. L-Unjoni għaldaqstant tista' tikkapitalizza fuq l-aħjar prattiki ta' politiki interni u esterni marbuta ma' aspetti tas-sigurtà marittima sabiex tippromwovi governanza marittima aħjar.

Is-saħħa tal-UE tinsab fil-firxa ta' strumenti li għandha għad-dispożizzjoni tagħha, inkluż id-djalogu politiku ma' sħab internazzjonali, reġjonali u bilaterali, l-involviment f'fora multilaterali, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġustizzja, l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità marittima reġjonali u azzjonijiet ċivili u militari tal-PSDK**.** Il-Kunċett tal-Operazzjonijiet għas-Sigurtà Marittima tal-UE (MSO) diġà jipprovdi għażliet dwar kif il-forzi marittimi jistgħu jikkontribwixxu biex jiskoraġġixxu, jipprevjenu u jiġġieldu kontra attivitajiet illegali. L-involviment tal-Unjoni mas-sħab internazzjonali jikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' governanza bbażata fuq ir-regoli fuq il-baħar.

Diversi fatturi bħal attivitajiet illegali ta' atturi mhux statali, il-kriminalità transkonfinali, it-terroriżmu internazzjonali jew il-piraterija, jisfruttaw id-dgħufijiet ta' sistemi ta' governanza marittima lokali, reġjonali u globali frammentati. L-użu tal-istrumenti kollha tal-UE fi ħdan l-approċċ komprensiv jippermetti li l-UE tindirizza b'mod effettiv it-theddidiet għas-sigurtà marittima fuq u mill-baħar, tittratta l-kawżi prinċipali u terġa' tikseb governanza tajba. Reazzjoni personalizzata tal-UE tista' tibbaża, fost oħrajn, fuq attivitajiet politiċi u ekonomiċi tal-UE, kif ukoll fuq il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, flimkien ma' Riforma tas-Settur tas-Sigurtà, il-bini tal-kapaċità marittima reġjonali u missjonijiet u operazzjonijiet marittimi tal-UE.

L-aspetti marittimi tas-sigurtà tal-Unjoni għandhom jitqiesu meta jiġu vvalutati it-tibdiliet fl-ambjent tas-sigurtà globali u għandhom jiġu riflessi fir-rapport futur dwar l-isfidi u l-opportunitajiet għall-Unjoni kif mitlub mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru 2013.

L-Istati Membri huma organizzati b'mod differenti fis-salvagwardja tal-interessi strateġiċi tas-sigurtà marittima nazzjonali u tal-UE l-protezzjoni kontra riskji u theddidiet għas-sigurtà marittima. Xi Stati Membri jużaw awtoritajiet ċivili għas-sorveljanza u l-infurzar tal-liġi, bħall-Gwardji Kostali; oħrajn jużaw forzi Navali jew forzi marittimi oħra; oħrajn jikkondividu r-responsabbiltà bejn l-amministrazzjonijiet ċivili u militari. Il-kooperazzjoni fuq il-baħar bejn l-atturi kollha involuti għandha effett rikorrenti pożittiv f'oqsma ta' politika oħra.

Il-Forzi Marittimi tal-Istati Membri għandu jkollhom rwol strateġiku fuq il-baħar u mill-baħar u jipprovdu ambitu, flessibbiltà u aċċess globali li jippermetti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jikkontribwixxu għall-firxa sħiħa ta’ responsabbiltajiet marittimi. Il-preżenza kontinwa tagħhom jeħtieġ li tappoġġa l-libertà tan-navigazzjoni u tikkontribwixxi għal governanza tajba billi tiskoraġġixxi, tipprevjeni u tiġġieled kontra l-attivitajiet illegali u illeċiti fid-dominju marittimu globali. Fattur prinċipali f’dan ir-rigward huwa r-rispett tal-liġi internazzjonali rilevanti, inkluż il-prinċipju ta’ ġurisdizzjoni esklużiva tal-istat tal-bandiera fuq l-ibħra miftuħa, kif ukoll l-immunità funzjonali tal-persunal li jaqdi dmirijiet uffiċjali fuq il-baħar.

Fora differenti tal-kooperazzjoni ċivili dwar l-infurzar tal-liġi, is-sigurtà tal-fruntieri, id-dwana, il-kwistjonijiet tas-sajd u dawk ambjentali huma eżempji konkreti tal-interfaċċa bejn is-sigurtà marittima interna u esterna u għandhom rwol importanti fl-indirizzar tat-theddidiet għas-sigurtà marittima, kemm fil-livelli globali u dak reġjonali.

L-UE għandha taġixxi b’mod awtonomu u ma’ sħab internazzjonali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-iżvilupp ta’ sħubijiet ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-kapaċità tal-Unjoni li tikkoopera man-NU, in-NATO, is-sħab reġjonali bħall-Unjoni Afrikana u l-ASEAN, kif ukoll pjattaformi multilaterali għall-kooperazzjoni ċivili, għandha impatt dirett fuq ħilitha li tissalvagwardja l-interessi tagħha u ssaħħaħ is-sigurtà marittima reġjonali u internazzjonali. Fil-kuntest tal-ġestjoni ta' kriżijiet, l-impenn tal-UE u tan-NATO fid-dominju marittimu għandu jibqa' komplementari u kkoordinat, f'konformità mal-qafas miftiehem tas-sħubija bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet.

L-objettivi huma li tiġi promossa governanza marittima aħjar ibbażata fuq ir-regoli u l-użu effettiv tal-istrumenti tal-UE inkwistjoni. Sabiex jintlaħaq dan, l-azzjonijiet jeħtieġ li jiffokaw fuq:

a) Il-ħidma lejn approċċ koordinat dwar kwistjonijiet ta’ sikurezza marittima f’fora internazzjonali, korpi reġjonali u pajjiżi terzi;

b) It-titjib tal-viżibbiltà tal-UE fid-dominju marittimu globali;

c) It-tisħiħ l-koerenza bejn l-istrumenti u l-politiki ċivili u militari kollha tal-UE, il-koordinazzjoni bejn is-servizzi tal-UE, inklużi l-aġenziji tagħha, u l-Istati Membri involuti, kemm fuq il-baħar kif ukoll fuq l-art, bl-applikazzjoni ta' approċċ ta' akkomunament u kondiviżjoni tar-riżorsi disponibbli, fejn xieraq, filwaqt li jiġu rrispettati l-organizzazzjoni interna tal-Istati Membri u l-politiki u l-leġislazzjoni tal-UE u dawk nazzjonali;

d) Ir-rinfurzar tat-tħejjija għal kontinġenzi tas-sigurtà marittima futuri u l-integrazzjoni tas-sigurtà marittima fl-aġenda tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK), b'kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi rilevanti kollha tal-UE, f'konformità mal-approċċ komprensiv tal-UE;

e) It-twettiq ta' attivitajiet ta' bini ta' kapaċitajiet tas-sigurtà marittima ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali, sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet tagħhom fl-oqsma ta' 1) governanza marittima u stat tad-dritt, inkluża l-ġustizzja kriminali u l-infurzar tad-dritt marittimu; 2) sigurtà tal-port u tat-trasport marittimu skont standards internazzjonali maqbula; 3) kapaċitajiet biex jimmaniġġjaw il-fruntieri tagħhom stess; u 4) l-ġlieda kontra s-sajd IUU. B'hekk regolamenti eżistenti internazzjonali, tal-UE u nazzjonali dwar il-kontroll tal-esportazzjoni għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ;

f) Il-promozzjoni ta' mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim skont l-UNCLOS, inkluż it-Tribunal Internazzjonali għad-Dritt Marittimu, fid-djalogi politiċi tal-UE ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet reġjonali.

2. L-għarfien, is-sorveljanza u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni marittimi

Aċċess għal informazzjoni u intelligence f'waqthom u preċiżi huwa kruċjali sabiex tiġi stabbilita stampa dwar l-għarfien marittimu komuni li twassal għal operazzjonijiet aħjar u għal użu aktar effiċjenti ta' riżorsi skarsi. L-integrazzjoni ta' sorsi differenti ta' data fid-dominju marittimu abbażi ta' dritt nazzjonali u internazzjonali eżistenti hija kompitu ewlieni, li jirriżulta f'fehim aħjar ta' dak li qed jiġri fuq il-baħar. Aktar ma tiġi aggregata u integrata informazzjoni, aktar tkun kompleta l-istampa marittima maħluqa u jiġi fornut valur ogħla lill-utenti operazzjonali aħħarin, b'mod kosteffiċjenti.

L-objettiv huwa li jiġi żgurat li l-informazzjoni tas-sorveljanza marittima miġbura minn awtorità marittima ċivili jew militari waħda u meqjusa neċessarja għall-attivitajiet operazzjonali ta' awtoritajiet oħra tista' tiġi kondiviża u soġġetta għal diversi użi pjuttost milli tinġabar u tiġi prodotta diversi drabi. L-għan aħħari huwa li tinkiseb stampa komuni vvalidata tal-għarfien marittimu u biex jingħata kontribut għal użu aktar ikkoordinat tas-sistemi spazjali disponibbli u t-teknoloġiji ta' telerilevament u applikazzjonijiet u servizzi li ġejjin minnhom. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, l-azzjonijiet jeħtieġ li jiffokaw fuq:

a) It-titjib ulterjuri tal-kooperazzjoni transsettorjali u l-interoperabbiltà fil-livell nazzjonali u tal-UE fir-rigward ta' sorveljanza marittima integrata fil-qafas tal-Istat Membru rispettiv u l-awtoritajiet u r-responsabbiltajiet tal-UE;

b) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni transkonfinali biex tiġi ottimizzata s-sorveljanza taż-żona marittima tal-UE u l-fruntieri marittimi tagħha;

c) Approċċ konsistenti fl-appoġġ tas-sorveljanza marittima fid-dominju marittimu tal-UE u dak globali u l-ippjanar u t-tmexxija tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK;

d) L-iżvilupp tal-Ambjent Komuni għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni (CISE).

3. Żvilupp tal-kapaċitajiet

Fil-qasam tal-kapaċitajiet, appoġġ akbar għall-iżvilupp ta' teknoloġiji b'użu doppju u l-kooperazzjoni fl-istandardizzazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni huma fatturi ewlenin għall-kapaċitajiet marittimi, it-tisħiħ tal-interoperabbiltà ċivili militari u l-kompetittività industrijali Ewropej, filwaqt li jitqies li l-kapaċitajiet militari huma proprjetà u operati mill-Istati Membri.

L-objettiv huwa li jiġu żviluppati kapaċitajiet sostenibbli, interoperattivi u kosteffettivi permezz ta' aktar involviment ta' atturi pubbliċi u privati inklużi s-sħab soċjali u fuq il-bażi tal-kisbiet eżistenti. F'dan ir-rigward, l-azzjonijiet jeħtieġ li jiffokaw fuq:

a) Il-promozzjoni ta’ inizjattivi u proġetti ta’ akkomunament u kondiviżjoni, kif ukoll fuq it-taħriġ u l-edukazzjoni, imfittxija mill-Istati Membri inkluż permezz tal-EDA u atturi ċivili u militari rilevanti oħra; għandhom ikomplu l-koordinazzjoni tajba u t-tisħiħ reċiproku man-NATO sabiex tiġi żgurata l-komplementarjetà u tiżdied il-koerenza;

b) Identifikazzjoni ta' oqsma ta' kapaċità u ta' teknoloġiji li jistgħu jibbenefikaw minn investiment addizzjonali, it-titjib tal-armonizzazzjoni għal interoperabbiltà, standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni aħjar;

c) L-iżvilupp ta’ kapaċitajiet b’użu doppju u bi skop multiplu u l-esplorazzjoni ta’ għażliet għall-użu aħjar tagħhom;

d) Isir l-aħjar użu u jinħolqu sinerġiji bejn l-informazzjoni, il-kapaċitajiet u s-sistemi ġestiti minn awtoritajiet ċivili u militari sa missjonijiet bi skopijiet multipli u multinazzjonali;

e) Il-promozzjoni ta’ aktar kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, l-analiżi tar-riskji u informazzjoni dwar it-theddidiet, kif ukoll taħriġ u edukazzjoni, fost il-fora ċivili u militari kollha rilevanti bħall-Forum Ewropew tal-Funzjonijiet tal-Gwardji Kostali u l-Kapijiet tal-Flotot Navali Ewropej, b'kont meħud tal-pjanijiet operattivi marittimu fis-seħħ bejn l-Istati Membri u l-ftehimiet reġjonali fl-UE.

4. Il-ġestjoni tar-riskju, il-protezzjoni tal-infrastruttura marittima kritika u r-reazzjoni għall-kriżijiet

L-objettiv ewlieni jibqa’ li tissaħħaħ il-kapaċità għall-prevenzjoni tal-kunflitti u r-reazzjoni għall-kriżijiet, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-inċidenti, il-mitigazzjoni tar-riskji u l-ħarsien tal-istatus tal-ambjent marittimu tal-UE, is-sigurtà tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, kif ukoll l-infrastruttura marittima kritika tagħha. Dan l-objettiv jiddependi fuq livell għoli ta’ livell għoli ta’ tħejjija, antiċipazzjoni u reattività. Sett ta’ azzjonijiet interdipendenti diġà jinsab fis-seħħ, iżda l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jtejbu r-reattività u r-reżiljenza tagħhom.

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom kapaċitajiet sinifikanti fl-għajnuna f'każ ta' diżastru u r-reazzjoni għall-kriżijiet. F’sitwazzjonijiet ta’ kriżijiet marittima, bħal diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser jużaw l-istrumenti u l-kapaċitajiet relatati kollha fuq skala globali.

L-isfruttament mhux sostenibbli ta' riżorsi tal-baħar u/jew ta' taħt il-baħar qed iżid il-pressjoni fuq l-ekosistemi tal-baħar u jista' jwassal għal riskji għas-sigurtà. L-immaniġġjar tar-riskji marittimi u għat-tkabbir blu, abbażi ta' mmaniġġjar ambjentalment korrett tal-ekosistemi tal-baħar, għandu jqis dan l-aspett.

L-azzjonijiet biex jinkisbu l-objettivi ta' hawn fuq jeħtieġ li jiffokaw fuq:

a) Il-kisba ta' analiżi tar-riskji komuni sabiex tiġi żviluppata l-ġestjoni komuni tar-riskji għas-sigurtà marittima u, fejn applikabbli, jiġu kkomplementati ir-rekwiżiti stabbiliti internazzjonali u tal-UE għall-analiżi tar-riskji għas-sigurtà marittima;

b) It-tisħiħ tal-kooperazzjoni transsettorjali kif ukoll transkonfinali għar-reazzjoni għall-kriżijiet marittimi u l-ippjanar tal-kontinġenzi tas-sigurtà marittima fir-rigward ta' theddidiet definiti għas-sigurtà, filwaqt li jittieħed kont tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Klawsola ta' Solidarjetà*;*

c) Il-valutazzjoni tar-reżiljenza tal-infrastruttura tat-trasport marittimu għal diżastri naturali u ikkawżati mill-bniedem, inkluż it-tibdil fil-klima, u t-teħid tal-azzjonijiet xierqa ta' adattament kif ukoll il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki sabiex jiġu mitigati r-riskji relatati;

d) Il-promozzjoni ta' fehim reċiproku biex tiżdied l-interoperabbiltà fost l-atturi tas-sigurtà marittima.

5. Ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ marbutin mas-sigurtà marittima

Teknoloġiji u proċessi innovattivi qed jikkontribwixxu għal titjib fl-effiċjenza, is-sostenibbiltà u l-effettività tal-operazzjonijiet. Ir-riċerka dwar is-sigurtà marittima tibbenefika minn viżjoni ċara tal-ħtiġijiet transsettorjali u l-kapaċitajiet li għandhom użu doppju.

Ir-riċerka u l-innovazzjoni għall-iżvilupp tal-għarfien, kif ukoll l-edukazzjoni u t-taħriġ jikkontribwixxu sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' din l-Istrateġija. Ir-riżultati tal-Programmi ta' Riċerka tal-UE għandhom jintużaw aħjar fl-iżvilupp tal-politika u l-kummerċjalizzazzjoni, filwaqt li jiġu sfruttati wkoll is-sinerġiji ma' programmi tal-Istati Membri u l-istrument ta' finanzjament tal-UE, bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u li jappoġġaw l-aġenda ta' Tkabbir Blu.

L-objettiv huwa li jiġu promossi r-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi li jikkontribwixxu għal effiċjenza u effikaċja aħjar tal-operazzjonijiet u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni, permezz ta' riċerka kkoordinata u msaħħa u l-iżvilupp tal-għarfien. Sabiex jintlaħaq dan l-objettiv, l-azzjonijiet jeħtieġ li jiffokaw fuq:

a) Li jġibu flimkien l-opportunitajiet ta' taħriġ disponibbli relatati mas-sigurtà marittima f'Moduli komuni tat-Taħriġ Marittimu;

b) L-istabbiliment ta' Aġenda ċivili militari għar-riċerka tas-sigurtà marittima inkluż l-iżvilupp ta' kapaċitajiet b'użu doppju u bi skop multiplu;

c) L-istabbiliment ta' netwerks ġodda u l-iżvilupp ulterjuri ta' dawk eżistenti għall-iżvilupp tal-għarfien u l-kompetenzi għal istituti, ċentri u akkademji ċivili u militari li huma edukattivi;

d) Il-ħolqien ta' netwerk ta' riċerka globali u sħab għall-iżvilupp;

e) Billi l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, bħall-programm Orizzont 2020, jiffokaw fuq applikazzjonijiet ċivili, l-interazzjoni ma' attivitajiet tal-EDA ser jiġu segwiti b'mod attiv fil-qasam tas-sigurtà marittima;

f) Il-promozzjoni ta' sħubiji pubbliċi-privati;

g) Il-promozzjoni tat-twettiq ta' eżerċizzji konġunti bejn l-aġenziji.

VII. SEGWITU

Il-Kunsill, l-Istati Membri, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli żviluppaw din l-istrateġija b'mod konġunt. Dan kien mod effiċjenti ta' ħidma li għandu jkompli, inklużi l-partijiet interessati u l-atturi rilevanti kollha, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali.

Din l-istrateġija għandha tiġi rieżaminata regolarment fil-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza, li jista' jitlob kontribut, fejn xieraq, minn korpi ta' ħidma oħra rilevanti tal-Kunsill, sabiex jiġi vvalutat il-progress u tkun tista' ssir reviżjoni tiegħu.

L-istrateġija għandha tiġi kkomplementata, sal-aħħar tal-2014, bi Pjan ta' Azzjoni kontinwu b'diversi aspetti ta' ħidma li jipprovdi azzjonijiet transsettorjali b'mod komprensiv u kkoordinat, li jintegra s-sigurtà marittima fil-politiki tal-UE. Għandha tiġi inkluża wkoll valutazzjoni tal-progress fil-Pjan ta' Azzjoni. Għandu jsir rappurtar regolari mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni abbażi ta' kontributi tal-Istati Membri.

L-iskop tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni ser jiġu kkomunikati lill-pubbliku b'mod attiv, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali.